# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 772/01mm**

**Joseph Mazitelli**

**vs**

**Annabelle Muscat u Paul Sammut**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2200.00) rapprezentanti r-rimanenti l-bilanc minn somma akbar ta' elfejn u hames mitt lira Maltin

(Lm2500.00), liema somma kienet giet mislufa lill-konvenuti minn Joseph Mazitelli u dan ai termini ta' skrittura privata in atti n-Nutar John Gambin tat-13 ta' Ottubru, 2000, u dan kif jirrizulta ahjar minn Dok A anness.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-24 ta' Ottubru, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

-